MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 942/2013

**Christopher Camilleri [I.D. 594283 M]**

**Clint Camilleri [I.D. 209084 M]**

**vs**

**Pierre Spiteri [I.D. 354771 M]**

Permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' Ottubru 2013, l-atturi ppremettew u talbu:-

1. *Illi Pierre Spiteri huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' sebgha u erbghin elf, mitejn u wiehed u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (EUR 47,241.24), liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ezegwit u materjal provdut minnhom fuq l-ordni u l-inkarigu*

*tal-konvenut, flimkien ma' bilanc ta' imghax fl-ammont ta' tliet mija u tlieta u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€ 383.10), liema imghax qieghed jigi kkalkulat, bla pregudizzju ghal kwalunkwe imghax ulterjuri, bir-rata ta' 8% mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali interpellatorja tal-21 ta' Awwissu 2013 (notifikata fis-26 Awwissu 2013) sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li flimkien jammontaw ghas-somma komplessiva ta' sebgha u erbghin elf, sitt mija u erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu (€ 47,624.34);*

*2. Illi l-istess xoghol u materjal gie debitament provdut mill-atturi f'diversi propjetajiet fil-Gudja u f'Hal Qormi;*

*3. Illi minkejja d-diversi interpellanzi li saru, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

*4. Illi l-imsemmi ammont jikkostitwixxi dejn cert, likwidu u li ghalaq, li ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u, safejn jafu l-atturi, il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet xi jressaq fir-rigward ta' din it-talba u ghalhekk jikkonkorru l-elementi preskritti fl-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. Tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;*

*5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*1. Tiddispensa din il-kawza mis-smigh a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' seba' u erbghin elf, mitejn u wiehed u erbghin Euro u erba' u ghoxrin centezmu (EUR 47,241.24), liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ezegwit u materjal provdut minnhom fuq l-ordni u l-inkarigu tal-konvenut, flimkien ma' bilanc ta' imghax fl-ammont ta' tliet mija u tlieta u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€ 383.10), liema imghax qieghed jigi kkalkulat, bla pregudizzju ghal kwalunkwe imghax ulterjuri, bir-rata ta' 8% mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali interpellatorja tal-21 ta' Awwissu 2013 (notifika fis-26 Awwissu 2013) sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li flimkien jammontaw ghas-somma komplessiva ta' sebgha u erbghin elf, sitt mija u erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu (€ 47,624.34);*

*3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' sebgha u erbghin elf, mitejn u wiehed u erbghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (EUR 47,241.24), liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ezegwit u materjal provdut minnhom fuq l-ordni u l-inkarigu tal-konvenut, flimkien ma' bilanc ta' imghax fl-ammont ta' tliet mija*

*u tlieta u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€ 383.10), liema imghax qieghed jigi kkalkulat, bla pregudizzju ghal kwalunkwe imghax ulterjuri, bir-rata ta' 8% mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali interpellatorja tat-21 ta' Awwissu 2013 (notifikata 26 Awwissu 2013) sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li flimkien jammontaw ghas-somma komplessiva ta' sebgha u erbghin elf, sitt mija u erbgha u ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu (€ 47,624.34).*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awwissu 2013, dawk tal-mandati kawtelatorji li qed jigu pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2013 il-konvenut inghata d-dritt li jiddefendi l-kawza. Fit-3 ta' Dicembru 2014 ipprezenta twegiba guramentata fejn eccepixxa li:

1. M'huwiex il-legittimu kontradittur in kwantu l-ftehim sar ma' Property and Finishing Limited.
2. L-atturi diga' thallsu parti mill-ammont dovut billi sar trasferiment ta' garaxx.
3. Ix-xoghol ezegwit m'huwiex skond is-sengha u l-arti.

Fis-seduta tal-lum il-konvenut rega' ma attendiex u ma ressaqx provi (ara verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2014). Fl-ahhar seduta il-qorti ghamlitha cara li jekk il-konvenut ma jkunx prezenti ser tiddikjara maghluq l-istadju tal-provi u tghaddi ghas-sentenza. Mill-mod kif il-konvenut ikkomporta ruhu waqt is-smiegh tal-kawza hu evidenti li d-difiza tieghu kienet intiza principalment sabiex jirbah iz-zmien.

**Legittimu kontradittur**.

L-attur Clint Camilleri xehed li l-ftehim sar mal-konvenut. M'hemmx prova li tikkontradici din il-verzjoni.

**Hlas permezz ta' garaxx**.

L-atturi spjegaw li l-kawza titratta x-xoghol li ghamlu gewwa proprjeta fil-Gudja u Hal Qormi. Qalu wkoll li t-trasferiment tal-garaxx kien jirreferi ghal xoghol li sar f'proprjeta li qeghda H'Attard. F'dan ir-rigward ukoll il-konvenut naqas milli jressaq provi li jikkontradicu din il-verzjoni.

**Kwalita tax-xoghol**.

B'digriet tat-12 ta' Frar 2014 il-qorti nkarigat lill-perit Joseph Ellul Vincenti sabiex jirrelata dwar il-kwalita tax-xoghol (fol. 57). Il-perit tekniku pprezenta r-rapport fl-14 ta' April 2014 u kkonfermah bil-gurament. Fil-parti

Konkluzjoni l-perit qal:

***"Ix-xoghol tal-elettriku, ilma u drenagg, kemm fil-fondi f'Hal Qormi wkoll fil-binja fil-Gudja, in generali, saru tajjeb u skond is-sengha u l-arti hlief ghal dawk in-nuqqasijiet elenkati hawn fuq. Dawn jammontaw is-somma ta' elf ewro (€1,000)"***.

Meta tqies il-volum ta' xoghol li sar mill-atturi hu evidenti li l-ilment tal-konvenut hu limitat hafna. Mir-rapport jirrizulta li l-konvenut kien illimita l-ilmenti ghal:-

*"1. Illi f'kull post fejn kien hemm airconditioner ma kienetx saret connection box.*
*2. Illi d-drainage pipe ma kellux qlib bizzejjed u dan jinghad ghal dik il-parti fil-garage li tinsab taht is-saqaf.*
*3. Illi l-conduit fil-garage kien tal-plastic u mhux tal-mettal.*
*4. Illi zewg drainage inspection boxes ma kienux kostruwiti kif suppost"*.

Il-perit tekniku ta ragun lill-konvenut fir-rigward tal-ilmenti numru 2, 3 u 4 u llikwida s-somma ta' elf ewro (€1,000) bhala stima tal-valur ta' xoghol difettuz. Gialadarba l-opinjoni tal-perit hi ta' natura teknika l-qorti ser tistrieh fuqha meqjus ukoll li m'hemmx provi kontra.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
2. **Tichad it-tieni eccezzjoni.**
3. **Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tiddikjara li l-ilment tal-konvenut hu gustifikat fir-rigward ta' dak ix-xoghol li ssemma fir-rapport tal-perit tekniku u fir-rigward ta' liema llikwida s-somma ta' elf ewro (€1,000).**
4. **Tiddikjara li l-konvenut hu debitur tal-atturi fis-somma ta' sitta u erbghin elf sitt mija u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€46,624.34).**
5. **Tikkudanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' sitta u erbghin elf sitt mija u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€46,624.34) bl-imghax b'effett mill-21 ta' Awissu, 2013 skond kif talbu l-atturi (ara verbal tad-29 ta' Ottubru, 2014) u dan mehud in konsiderazzjoni li d-dejn huwa ta' natura kummercjali. Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------